MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2004

Talba Numru. 1699/2004

**Citadel Insurance p.l.c., kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat Raymond Farrugia, sija bil-polza u sija bil-Ligi, u l-istess Raymond Farrugia**

**Vs**

**Michael Scicluna**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas tas-somma ta’ Lm812.80c (tmien mija u tnax-il lira Maltin u tmenin centezmu) rapprezentanti danni sofferti mill-atturi f’incident awtomobilistiku tal-4 ta’ Novembru, 2002 fi Triq l-Ghakrux, Zabbar bejn il-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni JGY 022 misjuqa minn Carmel Zahra u proprjeta’ ta’ Raymond Farrugia, u l-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni HAT 413 misjuqa mill-konvenut.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-atturi u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-atturi tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ Lm812.80c (tmien mija u tnax-il lira Maltin u tmenin centezmu), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------